MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru 1124/2012

Il-Pulizija
(Spettur Darren Buhagiar)
vs
Mark Cauchi

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 252880 (M), akkuzat talli:
1. fil-lejl ta’ bejn is-26 ta’ Mejju 2008 u is-27 ta’ Mejju 2008, ghall-habta ta’ bejn id-disgha u nofs ta’ fighaxija u is-sitta u nofs ta’ filghdou, fi Triq ix-Xatt Bormla, kkommetta serq ta’ car stereo tal-marka AIWA minn go vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni IAH-429, liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Mario Agius minn Bormla;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobblie jew immobbli u cioe fuq vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni IAH-429, liema ammont

ta' hsara ma tiskorrix 116.47 Euro imma hija izjed minn 23.29 Euro ghad-detriment ta' Marco Agius minn Bormla. (Artikoli 261 et seq, 325(1)c tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni, f#liema baqa' jinsisti anke wara li nghata zmien biex jirrikonsidra;

Fuq din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ssibu hati;

Rat l-Artikolu 261(f)(g), 270, 27(g), 281(a)(b), 325(1)(c) u 17, tiddeciedi li tpoggieh taht il-harsien ta' Ufficjal tal-Probation ghal tlett snin millum, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 bil-kundizzjonijiet taht l-annessa formola u bil-kondizzjoni esplicita li jissottometti ruhu ghal testijiet tal-urina jew demm skont kif jigi lilu ordnat mill-ufficjaltal-Probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenz.

A.M.Trigona
Magistr

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------